**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 25 – IT-TLIETA, 12 TA' LULJU 2016 FIS-6.15PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | | |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| Skużat | | |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 24**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. Fil-paragrafu 3.3 għandha tinbidel "lis-Sindku" għal "mis-Sindku".

1.2 Is-Alfed Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Dr Frank Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti**

2.1 Ġie innutat li t-tabella tal-Un/loading fi Triq Birkirkara għadha ma twaħħlitx.

2.2 Trid issir il-patching fi Triq il-Barbaġann.

2.3 Ġie innuta li z-zebra crossing fi Triq Birkirkara għadha bla dawl. Sar rapport lill-Enemalta minħabba li din inqatgħet minnhom.

**3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

3.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-laqgħa li ser issir ma' TM. Is-suġġetti prinċipali li għanda nitkellmu fuqhom huma Triq il-Ġojjin u l-ispeed indicator ta' Triq tas-Sliema.

3.2 Kien hemm diskussjoni rigward il-plot vojta ta' Triq it-Tellerit u Triq ir-Russett. Dawn għandhom jinsabu s-sidien biex jinbena l-boundary wall.

**4 Affarjiet oħra**

4.1 Dr Frank Bartolo tkellem fuq il-knis ta' Triq is-Summien, fejn il-kennis mhux qed jagħmel xogħlu f'din it-triq.

4.2 Is-Sur Alfred Mangion tkellem fuq

4.2.1 Il-locality map ta' ħdejn Ġnien GM camilleri. Din ġiet ivvandalizzata u tneħħiet il-wicc tagħha. Kien hemm qbil li terġa' titwaħħal wiċċ ġdid.

4.2.2 Ġie innutat iċ-ċint baxx imwaqqa' fi Triq Birkirkara kantuniera ma' Triq l-Isponsun. Kien hemm qbil li dan jiġi rranġat.

4.2.3 Kien hemm diskussjoni rigward il-knis fil-Kappara. Ġie innutat li hemm xi toroq li hemm ħaxix taħt il-bankina. Għandu jsir aktar sorveljanza.

4.2.4 Hemm mutur bil-liċenzja skaduta fi Triq tas-Sliema faċċata tal-Enemalta. Għandu jsir rapport uffiċjali lill-Pulizija biex dan jitneħħa.

4.2.5 Ġie innutat li saret rampa fuq il-bankina fi Triq San Franġisk li naqqas l-aċċess. Għandha tittieħed azzjoni fuq din.

4.2.6 Hemm numru ta' sinjali fuq l-arbli li għandhom bżonn manutenzjoni fi Triq Birkirkara.

4.2.7 Kien hemm diskussjoni rigward boroż tar-rubbish li qed jitħallew f'kull ħin tal-ġurnata. Dawn jinkludu Triq in-Naxxar kantuniera ma' Triq il-Battaljun, f'Misrah Lourdes fejn l-iskips u f'Misraħ Lewża quddiem il-flats tal-Gvern.

4.2.8 Ġie innutat li qed ikun hemm xi vetturi bil-permess tal-Kunsill ipparkjati fi Triq in-Naxxar fejn hemm it-timed parking. Ġie spejgat li dan minħabba xi residenti li joqogħdu fit-triq imma jkollhom il-karozza mhux f'isimhom.

4.2.9 Ilmenta wkoll li tal-ġbir tal-iskart domestiku qed jasal, meta jkunu daqqu nofsinhar. Ġie spjegat li f'San Ġwann hemm 'il fuq minn 5000 residenza u minn x'imkien irid jibda u x'imkien jispiċċa.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.20pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 9 ta' Awwissu 2016 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |